**8 ta' Frar, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Franco Depasquale B.A., LL.D.**

M C

*versus*

Dr. Mark Chetcuti *noe et*

## Nullita` ta' Żwieġ - Kunsens Meħud b'Qerq dwar Kwalita` ta' Wieħed mill-Partijiet

*F'dan il-każ, wara eżami tal-karattru tal-konvenut u taċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti waslet għall-konklużjoni li ż-żwieġ tal-kontendenti kien null.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provedimenti opportuni;

Premess illi fit-12 ta' Marzu, 1987 l-attriċi żżewġet fir-Reġistru Pubbliku fil-Belt Valletta, mal-konvenut kif jidher miċ-ċeritifkat taż-żwieġ hawn anness (Dok. A) minn f'liema żwieġ ma twieldu ebda tfal;

U premess illi dan iż-żwieġ huwa null minħabba li l-kunsens ta' l-attriċi ġie meħud b'qerq dwar xi kwalita` tal-konvenut li min-

natura tagħha stess setgħet tfixkel serjament il-ħajja taż-żwieġ, kif ukoll għax il-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat minħabba difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju dwar il-ħajja matrimonjali u dwar id-dmirijiet u d-drittijiet essenzjali tagħha u minħabba anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għall-konvenut li jwettaq id-dmirijiet essenzjali taż-żwieġ, u għax il-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat b'esklużjoni posittiva taż-żwieġ innifsu u ta' waħda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja taż-żwieġ, jew għad-dritt għall-att taż-żwieġ, u għax il-kontendenti assoġġettaw il-kunsens tagħhom għall-kondizzjoni li kellha tiġri fil-futur, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Talbet li ż-żwieġ li seħħ bejn il-kontendenti fir-Reġistru Pubbliku l-Belt Valletta fit-12 ta' Marzu, 1987, jiġi ddikjarat null u bla efett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi minħabba r-raġunijiet fuq elenkati jew xi waħda jew aktar minnhom;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *noe*;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-istess attriċi u l-lista tax-xhieda minnha indikati kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li huma kuraturi nnominati biex jirrappreżentaw l-interessi tar-raġel ta' l-attriċi li fiha huma eċċepew li ma kinux edotti mill-fatti tal-kawża u għalhekk irriservaw li jagħtu l-eċċezzjonijiet tagħhom fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-istess kuraturi konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Ġunju, 1993 li permezz tiegħu

nnominat lill-avukat Dottoressa Abigail Lofaro bħala perit legali biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attriċi wara li tieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet issollevati u tagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit legali li tinsab a fol. 87 *et seq* tal-proċess u li ġiet minnha debitament ikkonfermata fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 1994;

Semgħet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Ikkunsidrat:

*Omissis*;

Illi mir-riżultanzi proċesswali jidher li l-kontendenti żżewġu meta kienu ta' ċerta eta` u għalihom it-tnejn dan kien it-tieni żwieġ tagħhom; l-attriċi kienet romlot snin qabel u kellha wkoll ulied kbar illi pparteċipaw anke fil-proċeduri ta' din il-kawża u setgħu jwaddbu dawl ċar fuq iċ-ċirkostanzi taż-żewġ kontendenti; jiġi rrilevat li dawn l-ulied bl-ebda mod ma kienu kontrarji għaż-żwieġ ta' ommhom peress li huma ħassew illi l-feliċita` tagħha kienet tiġi l-ewwel u għalhekk huma anke ppruvaw jinsġu relazzjoni tajba mar-raġel li hija ħadet u dan biex ikunu jistgħu jgħinuha biex tgħix ħajja kuntenta;

Illi peress li l-konvenut ma ħax parti attiva f'din il-kawża, l-Qorti jkollha toqgħod fuq iċ-ċirkostanzi spjegati minn diversi xhieda dwar x'kienet il-posizzjoni tiegħu; huwa ċertament kien diġa`

miżżewweġ u anke ddivorzjat u kien qiegħed jipprova jottjeni l-annullament bil-Knisja ta' l-ewwel żwieġ tiegħu. Dwar dan hemm il-prova indiretta mressqa mill-istess attriċi li qalet illi kellha okkażjoni titkellem ma' Monsinjur Quinlan li kien qiegħed jgħin lill-konvenut fil-proċeduri Ekkesjastiċi għall-annullament tiegħu;

Jidher li l-konvenut kien jgħid lill-attriċi li anke bis-saħħa ta' l-intervent awtorevoli ta' l-imsemmi Monsinjur huwa kien sejjer iġib l-annullament Ekklesjastiku b'ċertezza. B'dana kollu meta l-attriċi ċemplet lill-istess Monsinjur dana qalilha illi ma kien veru xejn, li huwa qatt wiegħed lill-konvenut li kien ser jottjenilu l-annullament minn Ruma; dan il-punt għandu jingħata importanza misthoqqa peress illi ma hemmx dubbju li għall-attriċi kien essenzjali li hija tiżżewweġ anke bil-Knisja. It-twemmin u l-karattru ta' l-attriċi joħroġ mill-fatt li peress li kellha relazzjonijet sesswali miegħu qabel iż-żwieġ "jiena minħabba li kelli x'naqsam miegħu ħassejtni *committed*". Inoltre rriżulta wkoll li l-konvenut abbuża anke minn dina t-tjubija ta' l-attriċi u fl-ewwel ġimgħa li huwa qatt iltaqa' ma' l-attriċi u wara li kellu okkażjoni jiltaqa' mal-familja tagħha u jmur jara l-*flat* li hija kellha fil-Mellieħa "f'din il-ġimgħa l-konvenut qalli biex nidħol miegħu fis-Santwarju tal-Mellieħa. Qalli biex nitolbu flimkien u qalli li qed inwiegħdu lil xulxin li ser niżżewġu". Il-konvenut anke f'dik il-ġimgħa kien fehem ħaġa bħal dik kienet sejra tinfluwenza lill-attriċi billi għaliha kienet qisu ħadet ġurament li tkun fidila lejh;

Illi l-attriċi rnexxielha tressaq bħala xhieda kemm lil nies li kienu jimpjegaw lill-istess konvenut kif ukoll nies li kienu biss konoxxenti tiegħu u dawn kollha nisġu stampa ta' bniedem tassew xħiħ u kull ma kien jara kien biss l-interessi tiegħu u kull ma' ried mill-attriċi kien li jipprofitta ruħu minnha f'kull sens inklużi l-flus

u l-proprjeta' li kellha; id-disonesta' tal-konvenut ħarġet anke meta huwa talab lill-*employer* tiegħu biex parti sostanzjali mis-salarju li kien qiegħed jippercepixxi, minflok li tintbagħat Malta b'mod li l-attriċi setgħet b'xi mod issir taf bih, dan kellu jitħallas direttament f'kont l-Ingilterra illi ovvjament l-attriċi ma kinitx taf bih;

Illi x-xhud Catherine Wilson li kienet taf lill-konvenut qabel ma żżewweġ lill-attriċi xehdet hekk:" *I remember the defendant telling me that he was getting married to be able to live in Malta and retire here. I replied to this comment by words to the effect that he was a lucky man. The defendant had mentioned that he had nursed his previous wife who had died of cancer but subsequently I discovered that this was not true and that he had divorced his wife. I discovered this after talking with different English people*"; dwar il-konvenut tkompli tgħid:"*He is what we call in England a gold digger. I conclude this from his attitude and his speech. He was after money and he was a conman. I did not want to get to know him, I disliked him because from what I saw of him he was after money. He made by skin creep. He was a smooth operator. I will describe him as a "sponger" who takes everything and gives nothing*" tgħid ukoll "*I got to know from a gentleman called Jeff Habden that the defendant had a vasectomy done in the United Kingdom a month before his marriage and he did not want the plaintiff to know about this*";

Illi fid-dawl tar-relazzjoni estensiva u spjegattiva ppreżentata mill-abbli relattriċi l-Qorti mhijiex sejra toqgħod tidħol f'aktar dettalji dwar il-fatti li tressqu quddiemha pero' a differenza tal-konklużjoni peritali l-Qorti tifhem illi l-attriċi ressqet provi biżżejjed biex tipprova li l-kunsens tagħha ġie meħud b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenut li fixklet serjament il-ħajja taż-żwieġ; fl-apprezzament

ta' premessa simili, l-Qorti ma tridx tħares biss lejn il-kontendenti separtament imma għandha tara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

Illi f'dan il-każ għandna mara illi kienet tassew twajba u serja fir-relazzjonijiet tagħha mal-familjari u anke ma' żewġha l-ġdid, liema tjubija ma tistax bl-ebda mod tiġi pparagunata ma' ġjufija jew ma' xi grad ta' injoranza; aġġixxiet b'mod konsistenti b'onesta' kbira u ma kellha ebda raġuni tifhem li kienet qed tagħmilha ma bniedem li kellu tant nuqqasijiet; irriżulta li kien tassew jistħoqqlu l-aġġettivi negattivi kollha li l-bosta xhieda tawh f'dan il-proċess; il-Qorti tifhem li l-konvenut kellu kwalitajiet negattivi fin-natura tiegħu li kienu ta' importanza tali illi kieku kienet taf bihom l-attriċi ċertament ma kinitx tiżżewġu; jingħad ukoll illi dan il-ħabi sar b'qerq ippremeditat u ppjanat u l-konvenut kellu warajh skop speċifiku illi ċertament ma kienx il-*consortio vitae* li jitlob il-kuntratt taż-żwieġ; l-estremi hawn rikjesti mil-liġi jikkonfiguraw persuna li tkun sabet ruħha f'sitwazzjoni li ma setgħetx tibni l-*consortio vitae* rikjest u dan prinċipalment għaliex il-persuna li hu jew hi tkun iżżewġet tkun b'mod sinifikattiv differenti mill-persuna li hija kienet qiegħda timmaġina li kienet sejra tiżżewweġ. Ċertament dawn l-estremi jinkwadraw ruħhom tajjeb fil-fattispeċi ta' dan il-każ; anqas jista' jingħad li l-attriċi kienet f'posizzjoni li tintebaħ bil-karattru u l-ħsieb ikrah ta' żewġha peress illi kien bniedem kapaċissimu u kien jistħoqqlu tassew it-titolu ta' *conman* u mexxielu jidħak bl-attriċi;

Il-Qorti ma tistax ma tagħtix l-importanza meħtieġa lill-ittra li l-konvenut bagħat lill-attriċi fit-18 ta' Marzu, 1993 jiġifieri ftit wara illi kien kitiblu l-kuratur Dr. Mark Chetcuti illi fiha wera li l-interess tiegħu kien biss li almenu jdaħħal l-aħħar tmin mitt lira (Lm800) mingħandha bl-iskuża li kellha tħallas xi flus u kiteb "*I*

*can state categorically, that if you pay me the eight hundred Malta pounds (1550 Stg.) immediately, I will offer no defence to your claims, I will even agree in writing to your nullity claims. If you agree to this, then the nullity can go ahead quickly*". U spiċċa billi qal "*I hope that this matter can be resolved quickly, as you need the annulment, to me it doesn't matter, either way*";

Ittra bħal din ma tistax twassal lill-ġudikant ħlief għall-konklużjoni li l-istampa kerha u morbuża li l-bosta xhieda taw tal-konvenut mhijiex wisq 'il bogħod mir-realta`;

Il-Qorti taqbel ma' l-attriċi li għalkemm il-kunsens tal-konvenut ma kienx ivvizzjat minħabba xi difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju dwar il-ħajja miżżewġa pero` huwa kien ibati minn anomalija psikoloġika serja li għamlitha għalih impossibli li jaqdi l-obbligazzjoni essenzjali taż-żwieġ; il-manuvrar u l-falsita` li wera l-konvenut ċertament ma ħallitlux posizzjoni illi jaqdi l-kunsens meħtieġ għaż-żwieġ;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi tiddikjara null u bla effett iż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-tnax (12) ta' Marzu, 1987 u dan minħabba nuqqasijiet attribwibbli esklużivament lir-raġel ta' l-attriċi u li huma kkontemplati fl-artikolu 19(1)(ċ) u (d) ta' l-Att dwar iż-Żwieġ;

L-ispejjeż jitħallsu minn K M E.